**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-vs-**

**Ion Busuioc, bin Ghesrghe Busuioc u Emilia Marovciei, ta'nazzjonalità Rumena, imwieled il-Moldova, nhar l-14 ta' Frar 1998, mingħajr indirizz fiss u detentur tal-Passaport Rumen bin-numru 059025143.**

*Kumpilazzjoni Nru.659/2022*

Illum, 31 ta' Jannar, 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Ion Busuioc** u ċioe talli:

Fil-lokalità ta' Tas-Sliema u/jew fil-Gżejjer Maltin fil-lejl ta'bejn il-ħamsa (5) ta'Novembru u s-sitta (6) ta'Novembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022):

1. Volontarjament taha n-nar lil bini, vettura, għarix jew lok ieħor imsemmi fl-Artikolu 316 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta iżda meta ġewwa ma kien hemm ebda persuna fil-waqt ħruq, jew volontarjament taha n-nar lil materjal li jaqbad u dan il-bini, vettura, għarix jew lok ieħor, jew dan il-materjal, kien b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix jew lok ieħor, fejn d'dak il-waqt hemm ġewwa kien hemm xi persuna u dan meta hu seta' jobsor li fil-waqt kien hemm xi persuna ġewwa l-bini, għarix jew lok li ħa n-nar mill-ħruq;

2. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament taha n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-Artikolu 316 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta, iżda meta fil-waqt ma kien hemm ebda persuna

hemm ġewwa, u dan il-bini, vettura, għarix jew lok ieħor, kien qiegħed b'mod li ma jistax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna hemm ġewwa;

3. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe' fuq l-propjetà għad-detriment ta' RPS Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C84409, fuq il-vettura tal-għamla BMW 520D SE bin-numru tar-reġistrazzjoni ACC 021 għad-detriment ta' Antonio Genna u/jew persuni oħra, il-vettura tal-għamla KTM bin-numru tar-reġistrazzjoni EBO 485 għad-detriment ta' Antonio Genna u/jew persuni oħra, il-vettura tal-għamla Land Rover Defender bin-numru tar-reġistrazzjoni MAZ 301 għad-detriment ta' Josef Cassano u/jew persuni oħra, il-vettura tal-għamla Honda HRV bin-numru tar-reġistrazzjoni HBB 078 għad-detriment ta' Peter Brincat u/jew persuni oħra u persuna/i naturali u/jew ġurdiċi oħra liema ammont tal-ħsara ikun iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2500);

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta'ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta'spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta għas-sigurtà ta' Antonio Genna, Josef Cassano, Peter Brincat u l-familjari tagħhom.

Semgħet il-prosekuzzjoni tiddikjara li t-tieni imputazzjoni hi imputazzjoni alternattiva għall-ewwel imputazzjoni.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar is-17 ta' Jannar, 2023 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali w ċioe wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti qieset li l-ewwel imputazzjoni kif imputata hi dik kontemplata bl-artikolu 317 tal-Kodiċi Kriminali liema artikolu, jkompli jistabbilixxi l-pieni diversi li l-awtur jista' jeħel. Fil-każ in deżamina għad li n-nar seta' jinfirex u jqabbad il-ħruq lil bini ieħor jew lok ieħor, fortunatament il-ħruq spiċċa ma qabbadx xi bini jew lok ieħor biex b'hekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi li ssir riferenza għalihom fil-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu.

Il-Qorti kunsidrat ukoll li fir-rigward tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni japplika l-prinċipju tal-konkors formali tal-pieni fejn tiġi applikata l-piena l-aktar oneruża u cioe dik kontemplata bl-artikolu 317(b) tal-Kodiċi Kriminali.

Ittieħed konsiderazzjoni tal-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta kif ukoll tan-natura w gravità tar-reati serji li saret ammissjoni dwarhom u senjatament l-ewwel imputazzjoni.

Għalkemm il-Qorti ikkunsidrat l-ammissjoni pjuttost bikrija tal-imputat, dan ftit li xejn jimmilita favur l-imputat li kiesaħ u biered ħass li għandu jipperikola l-ħajjiet ta għexieren ta' persuni li kienu jgħixu fil-blokka appartamenti sovraposta fuq il-garaxxijiet fejn kienu parkeġġajti l-vetturi li ngħataw in-nar minnu. Ma jistax jintesa kif dan ma kienx att iżolat u waħdieni iżda l-imputat minn fuq vettura mexxa għall-oħrajn, iqabbad nar wara l-ieħor fl-imsemmija garaxxijiet biex b'hekk, baqa' jżid il-periklu u dan f'ħinijiet meta persuni jkunu reqdin u għaldaqstant konxju tal-konsegwenzi fatali li seta' jwassal għalihom.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) b'mod suċċint u elokwenti fakkret dak li tikkomprendi ammissjoni w il-konsegwenzi li ġġib magħha. Fid-deċiżjoni **Ir-Repubblika ta' Malta vs Abdelsalam Rawad Briga** ġie spjegat:[1]

> 19. Illi allura meta l-appellant ammetta għall-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu b'mod xjenti u liberu, u meta kien debitament legalment assistit, huwa assuma r-responsabbilita' għal dik id-dikjarazzjoni u wkoll għal kull għemil kriminali minnu kommess kif addebitat lilu. Ħadd ma obbligah jagħmel dan; anzi x'aktarx li għazel din it-triq bit-tama li jibbenefika minn piena mnaqqsa

[1] Ammissjoni Numru: 1/2020; Deċiża 26 ta' Mejju 2021.

stante l-ammissjoni tiegħu. Iżda ġaladarba huwa għażel liberament li jammetti, u ġaladarba l-Liġi tipprovdi li fil-każ ta' patteġġjament tal-piena l-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali jistgħu jiċħdu dik it-talba, issa ma jistax jilmenta mill-fatt illi l-Qorti ma qagħditx mal-ftehim milħuq bejnu u l-Avukat Ġenerali. Huwa kien jaf minn qabel li l-Qorti Kriminali kellha dik il-liberta' tal-ħsieb u manuvra; u kien jaf minn qabel li jekk jammetti, ma kellux xejn garantit għalih. Meta huwa għażel li jammetti għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu huwa għamel dan bit-tama li l-ftehim bejnu u l-Avukat Ġenerali jiġi aċċettat; iżda fl-istess waqt kien jaf li huwa kellu jġorr ir-responsabbilta' sħiħa għall-ammissjoni tiegħu u l-konsegwenzi naxxenti minnha – kemm jekk il-Qorti tilqa' l-ftehim milħuq bejnu u lAvukat Ġenerali dwar il-piena u kemm jekk le..............

**"Fis-sistema penali taghna hadd m'huwa obbligat illi jammetti l-htija tieghu kemm jekk hu akkuzat quddiem il-Qrati tal-Magistrati, kif ukoll jekk permezz ta' Att ta' Akkuza quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali. Is-sistema legali taghna mhux biss tipprovdi ghal protezzjoni ta' l-akkuzat billi flewwel lok tipprezumih innocenti sakemm misjub hati, imma taghmilha tassattiva li jekk ikun jixtieq ikun difiz permezz ta' avukat li jaghzel hu, li jekk m'ghandux mezzi biex jipprokura avukat dan jigi provdut lilu, u li, anke jekk wara li jinqrawlu l-akkuzi migjuba kontrih huwa jiddeciedi li jammetti, il-Qorti li tkun ma tistax tghaddi biex tirregistra l-ammissjoni ta' htija qabel ma twissih serjament dwar il-konsegwenzi li ggorr maghha tali ammissjoni, tispjegalu dak li hu necessarju li jigi spjegat, u ttih zmien wara li tistiednu biex jahsibha mill-gdid biex jara jekk iridx isostni l-ammissjoni tieghu jew jekk jippreferix illi jirtira dik l-ammissjoni u jikkontesta l-akkuzi migjuba kontrih, in toto jew in parte. Dan kollu qieghed fil-Kodici Kriminali ghaliex il-gustizzja hekk tirrikjedi, u certament id-disposizzjonijiet relativi jezistu fil-Kodici Kriminali taghna biex tigi tutelata l-gustizzja fil-process kriminali u anke d-drittijiet ta' l-akkuzat. Kif inghad l-akkuzat li jkun huwa liberu li jirrispondi jekk hux hati jew le ghall-akkuzi migjuba kontrih, u anke li ma jirrispondix.[2]**

**20. Imma hekk kif huwa jirreġistra dik l-ammissjoni irid joqgħod għal dik il-piena li l-qorti jogħġobha teroga fil-konfront tiegħu[3]**

Imbagħad l-istess Qorti, diversament komposta, fil-proċediment **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lorena Vanessa Hernandez Munoz u Hector Antonio Montenegro Martinez** fakkret:[4]

41. Tajjeb jinghad illi assolutament ma hemm l-ebda garanzija jew obbligu fuq il-ġudikant sedenti li l-piena fil-konfront tal-akkużat li jkun ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu tiġi mnaqqsa għas-sempliċi fatt li hu jkun ammetta, dment dejjem li l-piena mposta tkun kif inghad fil-parametri tal-liġi. Fis-sentenza li tat din il-Qorti (diversament komposta) 12 fil-5 ta` Lulju 2002 fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Camilleri"** inghad illi :- "l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena".

Kienu konsiderazzjonijiet simili li animaw id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Abou Goita:[5]**

---

[2] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Attard;** Deċiża fis-26 ta' April 2001
[3] Emfasi ta' dik il-Qorti
[4] 13 ta` Frar 2019; Ammissjoni Nru. 3/2016
[5] Per Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Deċiża 17 ta' Ġunju 2021; Appell Nru: 87 / 2020

.....Ammissjoni bikrija mbaghad mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena (**Il-Pulizija v. David Vella**[6]).

Kif gie ritenut minn dawn il-Qrati u b'mod partikolari mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**[7], l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena. Jinghad li f'dan il-kaz l-ammissjni li inghatat mill-apapellant lanqas ma kient wahda bikrija u dan ghaliex giet registrata fl-atti wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha.

Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-Qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[8]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[9]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproducìet il-bran segwenti mill-BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-

> *"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable , any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons , such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee[1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen[1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….." (Sottolinear ta' din il-Qorti)*

[6] Mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-2 ta' Diċembru 2005
[7] Mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-5 ta Lulju 2002
[8] Mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-24 ta Frar 1997
[9] Mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-17 ta Lulju 2002

Ma dan l-insenjament il-Qorti ma tistax tiskarta jew tinjora l-fatt kif każijiet ta' *arson* qed isiru aktar u aktar frekwenti. L-għemil tal-imputat kien wieħed li nissel terrur f'bosta. Għemil mwettaq minn persuna li sakemm tiġi riabilitata tassew ma jkunx jixraq li titħalla tiċċirkola fis-soċjetà.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 317(b) u 325(a) tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha w tikkundannah għal piena ta' **erba' (4) snin priġunerija**.

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-imputat iħallas €1,303.61c rappreżentanti spejjeż relatati mal-inkarigi mogħtija lil Dr. Joseph Cassar u lil Dr. Martin Bajada.

Peress li l-esperti inkarigati fl-inkjesta, għajr għal Dr. Bajada, għadhom ma ppreżentawx ir-rapport intaxxat tagħhom, qed tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur biex ikun f'pożizzjoni jipproċedi fil-konfront tal-imputat ai termini tal-artikolu 533(3) tal-Kodiċi Kriminali.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna psikoloġika u/jew psikjatrika meħtieġa. Dan l-ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Dipartiment tal-Probation u l-Parole.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda toħroġ Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' Antonio Genna, Josef Cassano, Peter Brincat u l-familjari tagħhom għal żmien tlett snin m'illum.

Finalment, il-Qorti wara li rat l-artikolu 5(2)(d) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, tirrakkomanda lill-Uffiċjal Prinċipali għall-Immigrazzjoni sabiex jikkunsidra jeżerċita l-poteri tiegħu taħt l-imsemmi Att fir-rigward tal-imputat kemm il-darba ikun skonta s-sentenza fuqu imposta.

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

NOTIFIKA: REĠISTRATUR QRATI KRIMINALI